Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 12/2018

**Giorgia Spiteri (appellanti)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellat)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. B'rikors prezentat fid-29 ta' Ottubru, 2018 ir-rikorrenti appellat mid-decizjoni tas-26 ta' Settembru, 2018 tal-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali fejn ilmentat li l-Arbitru:

    i. Aghmel interpretazzjoni zbaljata tal-artikolu 27 tal-Kap. 318.
    ii. Naqas milli japplika b'mod korrett artikolu 4 tat-Taqsima V tat-Tieni Skeda tal-Att.
    iii. Qeghda ssir ingustizzja lill-persuna vulnerabbli.

2. L-intimat wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

3. Fil-qosor il-fatti huma:

    i. Fit-8 ta' Gunju, 2017 ir-rikorrenti applikat mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali sabiex tinghata assistenza ghall-dizabilita severa;
    ii. B'avviz tat-22 ta' Awwissu, 2017 giet infurmata li t-talba taghha kienet michuda, *"…. ghaliex id-Direttur mhux sodisfatt li d-dhul fil-gimgha tieghek u tal-familja tieghek ma jeccedix l-iskala kif stabbilita mill-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) tal-Ligijiet ta' Malta";*
    iii. Fl-applikazzjoni l-appellanti ddikjarat li ghandha pensjoni mill-Ingilterra ta' **€4,148 kull sena**;

iv. Fid-9 ta' Lulju, 1997 ir-rikorrenti sseparat minn ma' zewgha. Il-kundizzjonijiet tas-separazzjoni kienu jinkludu li r-ragel ihallas kull xahar is-somma ta' €1032, manteniment ghaliha u ghal binthom Flavia;

v. Permezz ta' skrittura privata tal-14 ta' Settembru, 2015 ir-rikorrenti ftehmet ma' zewgha li ma jkomplix jaghtiha manteniment. Skrittura li saret f'Napli, l-Italja. Fi klawzola (e) intqal: *"Che con il passare degli anni la sig.ra Spiteri si e' trasferita a Malta e non ritenendo piu' necessario il mantenimento per Lei stess ed anche per la figlia oramai maggiorenne ed indipendente,* ***rinuncia da subito alla corresponsione dell'importo di €1032 mensili stabilita****";*

4. L-Arbitru rraguna:

> *"Mill-atti jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet illi l-appellanti qed tippercepixxi stg 78.65 fil-gimgha bhala pensjoni mill-Ingilterra. Dwar l-ammont ta' €1032 fix-xahar, permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Settembru 2015, l-appellanti ddikjarat:*
>
> *Rinuncia da subito all corresponsione dell'importo di €1032 mensile stabbilita.*
>
> *Din hija rinunzja ekwivoka u cara ghall-manteniment – u dan ghandu effett dirett fuq id-drittijiet li setghet talvolta kellha l-appellanti.*
>
> *Il-fatt li l-iskrittura giet redatta l-Italja ma ghandhiex effett fuq kwalunkwe decizjoni ta' fatt li jrid jiehu d-Direttur Generali. Saret fejn saret ir-rinunzja jibqa' fatt li r-rinunzja saret, kienet x'kienet ir-raguni.*
>
> *Ghaldaqstant, fuq il-fatt u ligi applikabbli, l-Arbitru ma ghandu ebda triq ohra hlief li jichad l-Appell".*

5. Fl-ewwel aggravju l-argument tal-appellanti hu li l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali f'subinciz (1) paragrafi (a) sa (c) jimponi l-kundizzjonijiet sabiex persuna tkun intitolata ghall-ghajnuna socjali ghall-persuni gravament dizabilitati. L-appellanti argumentat li hi kienet tissodisfa dawk il-kondizzjonijiet u ghaldaqstant kellha jedd tircievi dik l-ghajnuna.

6. Il-qorti ma taqbilx:-

i. skont subinciz (5) tal-istess disposizzjoni, ir-rata ta' assistenza ghandha tkun dak l-ammont li fil-gimgha, *"... twassal il-mezzi fil-gimgha totali tal-persuna b'dizabilta,* ***kalkolati skont it-Taqsima V tat-Tieni Skeda****, sar rata tal-iskala ta' dik il-persuna, kif stabbilit bit-Taqsima III tas-Sitt Skeda"*.

ii. Taqsima V tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 jitratta fost'affarijet l-assitenza ghal disabilita severa, cjoe l-assistenza li applikat ghaliha r-rikorrenti. Ghal dik l-assitenza jrid isir **il-kalkolu tal-mezzi**, u li jinkludi dhul li jircievi l-applikant u li **jista' jircievi jew li jista' jgawdi**, kalkolat fuq bazi ta' gimgha. Paragrafu (3) jsemmi dhul li ghal finijiet ta' kalkoli ta' mezzi m'ghandux jitqies. Manteniment jew pensjoni barranija li l-persuna interessata tircievi m'humiex eskluzi. Ghaldaqstant ghal finijet

7. Ladarba jrid isir il-kakolu tal-mezzi sabiex jigi determinat x'assistenza tista' tkun intitolata ghaliha l-persuna tal-mezzi, hu evidenti li m'huwiex bizzejjed li jigu sodisfatti dak li jghid subinciz (1) tal-artikolu 27. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju hu michud.

8. Fit-tieni aggravju r-rikorrenti argumentat ghamlet riferenza ghall-artikolu 4 tat-Taqsima V tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 li tipprovdi:

> *"4. Sabiex jinhadmu l-mezzi ta' koppja mizzewga ghall-finijiet tal-ghoti ta' Assistenza ghal Disabilita' Severe, Assistenza ghal Disabilita' jew Assistenza ghal Persuna b'Vista Batuta, ghandha titqies il-proprjeta inkluza kull proprjeta mqieghda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) tal-koppja jew id-dhul li jkun qieghed jigi, jew jista' jigi, ricevut minn kull wiehed jew wahda mill-koppja"*.

9. Ir-rikorrenti argumentat li l-ligi tirreferi ghal dhul li jista' jigi ricevut, u mhux dhul li seta' jigi ricevut. Ghalhekk issostni li dak li hu rilevanti mhux il-passat izda l-futur.

10. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li dik id-disposizzjoni tapplika ghall-kaz in ezami. Madankollu l-istess kliem jintuza f'artikolu 2 tal-Iskeda. Fil-fehma tal-qorti

wiehed ghandu jinterpreta u japplika l-ligi b'mod li jkun jaghmel sens. F'dan il-kaz l-iskrittura privata saret fl-14 ta' Settembru, 2015 filwaqt li l-applikazzjoni saret fit-8 ta' Gunju, 2017. Kieku l-appellanti ma rrinunzjatx ghall-manteniment, legalment kien ikollha jedd ghalih. Ovvjament ma kienx ikollha jedd ghas-somma shiha ta' €1,032 peress li dik is-somma kellha tithallas bhala manutenzjoni ghar-rikorrenti u ghat-tifla. Mill-istess skrittura hu evidenti li llum il-gurnata t-tifla hi maggorenni, ghalhekk parti biss mis-somma kienet dovuta lir-rikorrenti bhala manteniment ghaliha. Ghalkemm wiehed jista' jargumenta li mhux maghruf x'kien ikun dak is-sehem, ghall-qorti m'hemmx dubju li ma setax ikun inqas minn nofs ta' dik is-somma, cjoe' €516 kull xahar apparti l-awmmentat kontemplat fil-ftehim originali.

11. Dan hu kaz fejn ir-rikorrenti volontarjament irrinunzjat ghall-manteniment. Jekk wiehed kellu jaccetta r-ragunament tar-rikorrenti, ikun ifisser li persuna tista' taqbad u tirrinunzja ghal dhul li tkun tista' tircievi u mbagħad tapplika ghall-assistenza. Dan m'huwiex li l-ispirtu li bih wiehed ghandu japplika d-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), u li ghandha tinghata lil min verament ghandu bzonnha u mhux ghal min volontarjament jaqbad u jirrinunzja ghal dhul li ghandu jedd ghalih. F'dan il-kaz kieku ir-rikorrenti ma rrinunzjatx mill-jedd ghall-manteniment ghaliha, kienet tkun tista' tgawdi minn dhul iehor. Dhul li meta tqies ukoll il-pensjoni li tircievi mill-Ingilterra, jaghmilha mhux intitolata li tircievi l-assistenza minhabba li kienet tkun qeghda tircievi iktar mir-rata ta' assistenza kontemplata fit-Tielet Taqsima tas-Sitt Skeda tal-istess Att.

12. Fit-tielet aggravju r-rikorrenti argumentat li l-kelma 'rinunzia' intuzat fil-kuntest tal-ligi Taljana, li ma twassalx ghall-istess konsegwenzi u cirkostanzi anomali, fl-ambitu ta' ghajnuna socjali, illi jezistu hawn Malta. Il-kelma rinunzia trid tittiehed ukoll mal-kliem l-iehor li ntuza, *"e non ritenendo piu' necessario il mantenimento per Lei stess ed .....".* Mela r-rikorrenti ghamlet dikjarazzjoni volontarja li m'ghandhiex iktar bzonn il-manteniment. Dikjarazzjoni iktar cara minn hekk mhux ser issib. Ma tistax imbaghad taqa'

fuq l-assistenza jekk ir-rinunzja li ghamlet wassal biex fir-realta' naqqas id-dhul li wiehed jircievi jew id-dhul li wiehed jista' jigi ricevut.

13. Ir-rikorrenti ziedet li t-talba taghha ghall-assistenza minhabba dizabilita severa hi ghal kollox indipendenti mill-manteniment li kienet intitolata ghalih bhala l-mart il-parti l-ohra fuq il-kuntratt. Il-qorti diga' tat ragunijiet ghalfejn ma taqbilx ma' dak l-argument.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

Anthony Ellul.